**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**17 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru 67/2021**

**Alfred Borg**

**Vs**

**L-Awtorità tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Alfred Borg** ippreżentat fl-14 ta' Lulju 2021 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi r-rikorrent issottometta talba quddiem l-Awtorita' tal-Artijiet għall-"placing of Mobile kiosk for a temporary period between May and October of the calendar year, at Triq l-Armier iż-Żgħir, Mellieħa".*

*Illi b'ittra reġistrata datata 1 ta' Lulju 2021 li waslet għandu fis-7 ta' Lulju 2021 ġie nfurmat li t-talba tiegħu ġiet miċħuda u dan "**for the following reasons; a) the Lands Authority cannot accede to piecemeal requests for the establishment of permanent kiosk sited on public land which has not been planned for this type of development**"*

*Illi l-istess awtorita' hawn fuq imsemmija informat lir-rikorrent bid-drittijiet tiegħu ta' Apell mid-deċiżjoni minnhom meħuda u għaldaqstant inbdiet l-azzjoni odjerna.*

***Raġuni għat-Talba***

*Illi r-rikorrent iħossu ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni billi, fl-ewwel lok l-awtorita' ma tgħatx smiegħ xieraq lir-rikorrent u d-deċiżjoni kienet waħda intempestiva filwaqt li l-awtorita' pubblika naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil.*

*Illi dan jirriżulta bl-aktar mod lampanti billi din hija t-tieni darba li din l-istess applikazzjoni qed tiġi rifjutata mill-istess Awtorita', u dan wara li l-ewwel rifjut ġie revokat minn dan it-Tribunal li ddikjara li l-Awtorita' intimata ma ssostanzjatx b'mod sodisfaċenti d-deċiżjoni tagħha.*

*Illi minn meta ġiet sottomessa l-applikazzjoni oriġinali, u cioe' fit-13 ta' Ġunju 2019, li tidher li marret quddiem il-bord fl-10 ta' Jannar 2020 sal-ġurnata ta' dan ir-rifjut, l-esponent ma ntalab jikkjarifika l-ebda sitwazzjoni, li-l-istess awtorita' għandha dritt titlob u kien ikun aktar ċar il-fatt l-postazzjoni tal-kiosk de quo, hija diġa' awtorizzata skont il-liġi li tirregola l-mobile kiosks, fejn tirrikjedi li din tiġi pparkjata f'post mhux projbit. Dan jirriżulta għalhekk li l-Awtorita' naqset milli tagħti d-deċiżjoni tagħha fi żmien perenterju u allura bi ksur tar-regolamenti li jirrigwardjaw l-istess talba, kif lanqas ma osservat il-liġi naturali u ma tgħatx smiegħ xieraq fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil.*

*Illi dan li qed għid l-awtorita' li ma tistax taċċetta tali talbiet huwa kuntrarju għal fatti magħrufa anke lill-esponent li talbiet simili ġew milqugħa.*

*Illi l-postazzjoni fit-triq fejn mitlub tista' faċilment tiġi pparkjata vettura għall-użu publiku san u sigur meta hemm triq mgħonija b'wisa' adekwata għal parkeġġi ta' vetturi bla inkonvenjent għat-traffiku li tinsab ma ġenb il-bajja, u allura ma toħloq l-ebda inkonvenjent.*

*Illi għalhekk l-argumentazzjoni ta' piecemeal requests hija għal-kollox nieqsa minn xi fatturi li jagħmlu din l-applikazzjoni differenti minn applikazzjonijiet oħra milqugħa mill-istess awtorita' u dan fin-nuqqas ta' xi regolamentazzjoni jew pjan publiku dwar l-inħawi applikati jew in ġenerali u huma inkongruwenti mal-liġijiet ta' pajjiż li effettivament jgħatu dritt lill-applikant li jiġġestixxi l-attivita' tiegħu mit-triq a terminu tar-regolamenti SL 441.07 u mill-posta de quo.*

*Illi l-applikant kien ilu jiġġestixxi din l-attivita' għal snin sħaħ skont il-permessi relattivi minn fuq l-istess posta u qatt ma kien hemm xi oġġezzjoni minn xi awtorita' dwar dan, anzi kien hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali, u tas-servizzi tal-elettriku u ilma sabiex din il-posta tkun tista' aħjar tiġi ġestita anke mar-regolamenti sanitarji applikabbli.*

*Illi għandu jiġi sottomess in oltre li l-Awtorita' tal-Artijiet hija Awtorita' separata u distinta minn awtoritajiet u entitajiet oħra u għandha regolamentazzjoni speċifiċi dwar l-użu tal-art pubblika li huma separati u distinti minn dawk li jistgħu jirregolaw entitajiet oħra, semmai l-applikant għandu jkollu dritt li jikkontesta lill-awtoritajiet oħra fil-fora rispettiva tagħhom u mhux jiġi priv minn tali dritt billi tingħata deċiżjoni fuq interpretazzjoni ta' materja 'l hinn mill-vires tal-awtorita' konċernata. Dan qed jingħad bili mingħajr l-approvazzjoni in principle ma jkunx lanqas jista' jaċċedi għal fora oħra. Għalhekk tali deċiżjoni qed tilledi d-drittijiet tal-applikant milli jġib 'l quddiem talbiet tiegħu quddiem entitajiet oħra għal kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti għal-għanijiet dikjarati.*

***Talba***

*Illi r-rikorrent għaldaqstant qiegħed jitlob ir-revoka ta' tali deċiżjoni u rifjut, filwaqt li l-istess awtorita' tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż inkorsi f'dawn il-proċeduri."*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet** ippreżentata fid-29 ta' Lulju 2021 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*"Illi r-rikorrent appellant preżenta talba quddiem l-Awtorita' esponenti għall-'placing of Mobile Kiosk for a temporary period between May and October of the calendar year, at Triq l-Armier iż-żgħir Mellieħa'.*

*Illi inizjalment dik it-talba ġiet rifjutata mill-esponenti 'In view of location on a public space and its' proximity to a public beach, proposal does not make the best use of land'. (Applikazzjoni GLA12A/2019/0121) Dik id-deċiżjoni kienet ġiet appellatta quddiem dan l-Istess Onorabbli Tribunal u liema proċeduri kienu ġew deċiżi fis-sens li deċiżjoni tal-esponenti ġiet revokata[1].*

*Illi sussegwentement, l-esponenti reġgħet ikkunsidrat mill-ġdid l-applikazzjoni tal-appellant, u dan sabiex tittieħed id-deċiżjoni appożita anke in vista tad-deċiżjoni ta' dan L-Onorabbli Tribunal su-referita. Għall kull bon fini, dan l-eżerċizzju ta' rikonsiderazzjoni ingħata in-numru ta' referenza intern GLA12/2021/00BL.*

*Illi l-esponenti rrifjutat din it-talba minħabba li 'The lands authority cannot accede to piecemeal requests for the establishment of permanent kiosk sites on public land which has not been planned for this type of development'.*

*L-Appellant ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u għalhekk interpona dan l-appell.*

*Illi l-appellant isostni li <u>fl-ewwel lok</u> huwa ma ingħatax smiegħ xieraq, li d-deċiżjoni kienet waħda intempestiva u li l-esponenti naqqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali fit-twettieq ta' għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dak l-għemil.*

*Illi fir-rigward ta' dan l-ewwel aggravju, l-esponenti tissenjala illi hija awtorita' amministrattiva u mhux Bord jew Awtorita' ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja, u għalldaqstant hija ma hijiex marbuta li d-deċiżjonijiet jittieħdu f' seduti pubbliċi. Madankollu, l-esponenti hija marbuta illi tagħmel dawk id-deċiżjonijiet appożiti fl-irwol tagħha kif enunċjat fil-Kapitlu 563 tal-liġijiet ta' Malta, u dan bl-intiża li hija tamministra l-art tal-Gvern ta' Malta bl-aħjar mod, u daqstant ieħor hija marbuta li tagħmel u tieħu konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet kollha relevanti u neċessarji u li tati raġunijiet motivati wara sabiex issostni id-deċiżjoni tagħha. Dan huwa di fatti dak li ġara fil-każ odjern.*

*Illi aktar minn hekk, l-esponenti fil-każ odjern ħadet ukoll konjizzjoni tas-smiegħ u l-proċeduri illi ġew deċiżi minn dan l-Onorabbli Tribunal. L-esponenti semgħet u kkunsidrat l-osservazzjonijiet kemm tat-Tribunal u kif ukoll tal-applikant, inkluż ix-xhieda tiegħu stess waqt dawk il-proċeduri.*

*Illi ma hemm xejn intempestiv dwar id-deċiżjoni tal-Awtorita'. Sussegwentament għad-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal fl-14 ta' Diċembru 2020, l-esponenti reġgħet bdiet il-proċess tal-vetting tal-applikazzjoni mill-bidu nett, u dan bl-intiża illi l-applikazzjoni tal-appellant tiġi ikkunsidrata mill-ġdid. Dan ifisser li l-esponenti iddeċidiet l-applikazzjoni odjerna fi ftit aktar minn sitt xhur biss mid-data tad-deċiżjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal.*

[1] Deċiżjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal fl-ismijiet **Alfred Borg vs l-Awtorita' tal-Artijiet deċiża nhar 14/12/2021 Rikors Nru. 18/2021**

*Illi l-esponenti ma naqqset bl-ebda mod milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali oħra, u dan limitatament sa fejn dawn japplikaw fir-rigward ta' Awtorita' Amministrattiva intiża li tamministra l-proprjeta' tal-Gvern. Għaldaqstant filwaqt li jinkombi fuq l-appellant li jipprova dak allegat minnhu, fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-esponenti sejra tipprova il-konsiderazzjonijiet kollha (u r-relevanza tagħhom) ikkunsidrati fid-deċiżjoni tagħha u l-proċedura li hija segwiet sabiex wasslet għall-istess. Id-deċiżjoni hija waħda motivata u dan kif ukoll ser jiġi pruvat.*

*Illi l-appellant jagħmel referenza għall-SL 441.07; 'Regolamenti dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ', u senjatament Regolament 29 et sequitur tal-istess. L-Esponenti iżda immedjatament tissenjala illi l-applikazzjoni odjerna ma hijiex xi talba relattiva għall-Liċenzja tal-Kummerċ, jew sabiex bejjiegħ fit-toroq ikun jista jiġġestixxi l-attivita' kummerċjali tiegħu minn post fiss. Li kieku kien hekk, din l-azzjoni kienet tiġi appellata ai termini t' Artiklu 36 tal-istess leġislazzjoni sussidjarja, quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar.*

*Illi din hija applikazzjoni għal-encroachment ai termini tal-Artiklu 31 tal-Kapitlu 573, u iġifieri sabiex art pubblika tkun tista 'tingħata' taħt dan it-titolu lill-applikant sabiex jistabilixxi l-kiosk tiegħu b' mod permanenti (anke jekk mhux għas-sena kollha) u esklussiv (għall-użu tiegħu biss) fuq dik l-Area. Għalhekk il-konsiderazzjonijiet tal-esponenti iridu jkunu (kif filfatt huma) ai termini tal-istess Kapitlu 573.*

*Illi għall-kull bon fini, jiġi senjalat ukoll li llum il-ġurnata l-post indikat mill-applikant għat-tqegħid tal-kiosk tiegħu ma huwiex spazju permess għall-ipparkjar tal-vetturi u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori.*

*Illi <u>fit-tieni lok</u>, l-appellant isostni li d-deċiżjoni tal-esponenti li ma tistax taċċetta din it-talba huwa kuntrarju għall-talbiet simili li skontu ġew aċċettati. Madankollu jiġi senjalat illi preliminarjament kwalunkwe applikazzjoni trid tiġi eżaminata fuq il-merti individwali tagħha. Oltre minn dan, tali eżerċizzju komparattiv jista' jsir biss 'like with like' u iġifieri billi d-deċiżjoni odjerna tiġi ikkumparata ma deċiżjonijiet oħra li qed jittieħdu fil-preżent u skont il-policies attwali ( u mhux taħt xi policy preċedenti) tal-esponenti.*

*Illi <u>fit-tielet lok</u>, l-appellant isostni li l-postazzjoni tat-triq fejn mitlub tista' faċilment tiġi ipparkjata vettura. Madankollu, kif ġja suespost, dan ma huwiex preżentament il-każ tant illi fuq is-sit indikat illum jinstab double yellow line u ma hemmx post għall-parkeġġ ta' vetturi. Dan il-fatt ittieħed in konsiderazzjoni mill-esponenti, u dan hekk kif ser jiġi pruvat fil-mori. Di fatti, dan ikompli jissustanza il-motivazzjoni għad-deċiżjoni ta' rifjut tal-esponenti, u jkompli ukoll jikkonferma kif dan is-sit 'has not been planned for this type of development'.*

*Illi <u>fir-raba' lok</u>, l-appellant isostni li l-argumentazzjoni ta' piecemeal requests hija nieqsa minn fatturi li jagħmlu din l-applikazzjoni differenti minn applikazzjonijiet oħra mogħtijja mill-Awtorita' tal-Artijiet.*

*Illi hawnhekk l-esponenti tirreferi għar-risposta tagħha fir-rigward tat-tieni lok u l-eżami kumparattiv hemm hekk ikkunsidrat. Illi aktar minn hekk, il-motivazzjoni wara d-deċiżjoni ta' rifjut hija sabiex ikun jista' jsir l-aħjar użu tal-art tal-Gvern ta' Malta u li tifforma parti mill-isfera pubblika ai termini tal-Artiklu 7 (ċ) tal-Kapitlu 563 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi f' tali irwol, l-esponenti tqis li permessi għal-encroachment għandhom ikunu miġbura f' uniformi, f'ordni, u f' areas allokati għall-istess użu, u sabiex b' hekk ikun jista' jiġi assigurat l-aħjar użu mill-art kollha pubblika tal-Gvern ta' Malta. Dan*

*jirriżulta saħansitra anke mill-OCA Policy u liema tinkoraġġixxi l-clustering ta' outdoor catering areas, senjatament kiosks. Is-sit odjern ċertament ma huwiex allokkat u/jew idoneju għall- tali użu, hekk kif lanqas ma hemm parkeġġ għall-vetturi kif ġja spjegat.*

*Illi d-drittijiet mogħtija lill-bejjiegħa permezz tal-leġislazzjoni sussidjarja 441.07, bl-ebda mod ma tati xi jedd awtomatiku lill-istess bejjegħa fuq l-art tal-Gvern.*

*Illi fil-ħames lok l-appellant isostni li huwa ilu jiġġestixxi l-attivita' kummerċjali tiegħu għal-snin sħaħ minn fuq l-istess post u qatt ma kien hemm xi oġġezzjoni. Jsostni ukoll li kellu l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali u kellu servizz tad-dawl u l-ilma. Madankollu, din il-konsiderazzjoni waħidha bl-ebda mod ma tista tissana l-posizzjoni tal-appellant. Il-Fatt li huwa għamel snin juża din l-art pubblika mingħajr il-permessi neċessarji mingħand l-esponenti jew il-predeċessuri tagħha ċertament m' għandux jagħtih xi jedd fuq dik l-istess art.*

*Illi fis-sitt lok l-appellant jissottometti li l-Awtorita' tal-Artijiet hija distinta minn Awtoritajiet u entitajiet oħra. Filwaqt li dwar dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni, l-appellant jissenjala ukoll li huwa għandu jkollu id-dritt li jikkontesta lill-awtoritajiet rispettivi oħra u mhux jiġi priv minn tali dritt billi tingħata deċiżjoni fuq interpretazzjoni ta' materja lill' hinn mill-vires tal-Awtorita esponenti.*

*Illi madankollu l-esponenti tissenjala li dan ma huwiex il-każ. Hija ma qiegħeda tmur bl-ebda mod oltre il-vires mogħti lilha mill-liġi, u sempliċiment qiegħeda tiddeċiedi dwar talba għal-encroachment kif filfatt hija mogħnijja bil-liġi li tagħmel ai termini tal-Kapitli 563 u 573 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi fis-seba' u l-aħħar lok l-appellant isostni li d-deċiżjoni hija abbuz tas-setgħa ta' awtorita' pubblika billi d-deċiżjoni ġiet msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti għall-għanijiet dikjarati. Madankollu, filwaqt li min jallega irid jipprova, l-esponenti diġa issenjalat kif il-konsiderazzjonijiet mittieħda, fosthom in-natura tas-sit, l-istat preżenti tiegħu u kif ukoll l-uniformita' fil-konċessjonijiet ta' encroachment, huma kollha konsiderazzjonijiet relevantissimi u li ma jistgħux jiġu injorati. Dan juri ukoll li l-esponenti bl-ebda mod ma abbużat mis-setgħa mgħotijja lilha mil-liġi.*

*Għallhekk, kif suespost, id-deċiżjoni tal-Awtorita' esponenti hija waħda raġjonveoli, motivata u skont kif ma trid il-liġi.*

*Għaldaqstant, dan l-Onorabbli tribunal għandu jiċħad it-talbiet mressqa quddiemu mil-appellanti, u dan bl-ispejjeż interament għall istess appellanti."*

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra datata 1 ta' Lulju 2021 li permezz tagħha ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu sabiex ipoġġi *mobile kiosk* għal perjodu temporanju

bejn Mejju u Ottubru ta' kull sena fi Triq l-Armier iż-Żgħir, Mellieħa kienet qiegħda tiġi rifjutata għas-segwenti raġunijiet, u cioe`:

*"a. the Lands Authority cannot accede to piecemeal requests for the establishment of permanent kiosk sited on public land which has not been planned for this type of development."*

Illi l-*iter* tal-applikazzjoni odjerna beda fl-2019 meta r-rikorrent ressaq it-talba kif delinejata fil-paragrafu preċedenti. Permezz ta' deċiżjoni kontenuta f'ittra datata 29 ta' Jannar 2020 l-Awtorita` intimata kienet ċaħditlu t-talba bir-raġuni tkun *"In view of location on a public space and its proximity to a public beach, proposal does not make the best use of land."* Din id-deċiżjoni ġiet revokata minn dan it-Tribunal għar-raġunijiet elenkati f'sentenza tal-14 ta' Diċembru 2020. Illi għaldaqstant l-Awtorita` rrikonsidrat it-talba tar-rikorrent fid-dawl tad-direzzjoni mogħtija minn dan it-Tribunal fejn ikkonkludiet li t-talba m'għandhiex tiġi milqugħa għar-raġunijiet msemmija fid-deċiżjoni appellata.

**Ir-rikorrent** xehed illi skont ir-regolamenti dwar il-gabbani huwa obbligat li jieqaf fuq posta li tintuża għal parkeġġ u jista' jibqa' hemm bejn is-6am u l-11pm. Jispjega li huwa ilu jopera l-gabbana tiegħu mill-post in kwistjoni għal dawn l-aħħar ħames snin tant li kien applika u ottjena arloġġ tad-dawl temporanju. Jispjega li huwa applika mal-Awtorita` intimata sabiex l-istess parkeġġ ikun riservat għalih u ma jkollux problema dwar il-provista tal-elettriku. Jispjega li f'Marzu 2020 beda xi xogħol fit-triq fejn jipparkja l-gabbana u saru diversi postijiet ta' parkeġġ u għamlu marki sofor mal-ġenb tat-triq in-naħa tal-baħar u li allura tneħħa l-post ta' parkeġġ fejn kien jipparkja. Jispjega li fejn irid jipparkja l-gabbana mhux se jkun ta' ostakolu jew perikolu tant li matul is-sajf li għadda l-istess post ġie okkupat minn diversi vetturi u gabbani oħra.

**Kenneth Dingli**, uffiċjal tal-Awtorita` intimata, spjega illi kienu għamlu *site inspection* u sabu li kienu ġew irranġati t-toroq fejn proprju kienet saret l-applikazzjoni. Spjega wkoll illi fuq il-post eżatt fejn applika r-rikorrent kienu saru *double yellow lines*. Spjega wkoll illi f'dawn l-aħħar xhur il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita` kien ta direzzjoni li *mobile hawkers* m'għandhomx jiġi riservat lilhom post fiss biex jipparkjaw fuqu. Mistoqsi in kontro-eżami x'riedet tfisser biha l-Awtorita` il-kelma "*piecemeal"* ix-xhud wieġeb li d-direzzjoni li fuqha qiegħda timxi l-Awtorita` hija li mhux ħa tibqa' taċċeta li jingħataw postijiet ta' parkeġġ biex jitpoġġew *mobile kiosks.*

**Il-Perit Joseph Attard**, permezz ta' affidavit, stqarr illi l-pożizzjoni fejn immarka fuq il-pjanta fejn ried jipparkja r-rikorrent ma kinitx taqbel mar-

ritratti li ssottometta mal-applikazzjoni. Għalhekk esebixxa pjanta tas-sit ġdida li taqbel mar-ritratti.

**Robert Vella,** Kap Eżekuttiv tal-Awtorita` intimata, spjega illi fir-rigward ta' *street* u *mobile hawkers*, sakemm ma jkunx hemm pjan komprensiv, it-talbiet tagħhom li jiġi riservat post ta' parkeġġ kienu qegħdin jiġu rifjutati. Bi pjan komprensiv jifhem illi l-*area* tkun ġiet ippjanata minn qabel x'tip ta' żvilupp se tilqa' fuqha bħal ma sar fil-każ tal-parkeġġ tad-Dwejra. Spjega li fil-fehma tiegħu, la darba jkun hemm dan l-ippjanar, il-postijiet ta' parkeġġ sabiex jitpoġġew *kiosks* fuqhom għandhom joħorġu b'sejħa għall-offerti ħalli jkun hemm proċess kompetittiv. Fir-rigward tar-raġuni għar-rifjut fil-każ partikolari, spjega illi l-Awtorita` qiegħda timxi fuq "*standard reasons"* li huwa kunċett li permezz tiegħu jinħoloq *compendium* ta' raġunijiet ai fini ta' konsistenza. Fil-każ in eżami hemm *standard reason* li fejn jidħlu talbiet għal konċessjonijiet biex *mobile hawkers* ipoġġu l-*kiosk* fuq sit fiss, jiġu rifjutati. In kontro-eżami x-xhud spjega li ma kienx jaf jekk Infrastructure Malta kinitx ikkonsultat mal-Awtorita` qabel għamlet il-proġett tat-toroq fl-*area* tas-sit.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent jilmenta illi l-Awtorita` intimata ma tagħtux smigħ xieraq u d-deċiżjoni kienet waħda intempestiva filwaqt li naqset milli tħares il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha.

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrent kien ilu għal dawn l-aħħar snin jipparkja l-*mobile kiosk* tiegħu fuq sit partikolari u minnu jiġġestixxi l-attivita` ekonomika tiegħu, tant li anke talab u ngħatalu *meter* temporanju tad-dawl. Illi biex iserraħ moħħu li l-post fejn jipparkja l-*kiosk* tiegħu ikun riservat għalih huwa ppreżenta applikazzjoni mal-Awtorita` intimata biex jiġi konċess lilu permess biex jipparkja minn Mejju sa Ottubru ta' kull sena fuq sit partikolari. Dan is-sit ġie indikat bl-aħmar fuq il-pjanta sottomessa mal-applikazzjoni, liema sit pero` ma kienx jaqbel mas-sit muri fuq ir-ritratti annessi mal-istess applikazzjoni. Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, il-Perit tar-rikorrent spjega li dan sar bi żvista u wkoll ippreżenta pjanta bis-sit immarkat korrettement.

Illi fir-rikors promutur, ir-rikorrent elenka numru ta' aggravji fir-rigward tad-deċiżjoni appellata li se jiġu eżaminati hawn taħt.

Illi l-Kap Eżekuttiv spjega fid-dettal ir-raġuni għar-rifjut tal-applikazzjoni odjerna u ċioe` li ta direzzjoni biex ma jinħarġux permessi għal post riservat sabiex jitpoġġew *mobile kiosks*. Illi, pero`, r-rikorrent, jisħaq li meta huwa kien issottometta l-applikazzjoni tiegħu fl-2019 ma kien hemm l-ebda direzzjoni simili, tant li *kiosks* oħra ingħataw konċessjoni simili għal dik mitluba minnu.[2] Jgħid li għalhekk huwa m'għandux ikun preġudikat bil-fatt illi huwa appella d-deċiżjoni u sakemm ġiet rikonsiderata l-applikazzjoni tiegħu inbidlet id-direzzjoni tal-Awtorita` intimata.

Illi mill-provi prodotti ħareġ illi d-direzzjoni ġdida li qiegħda timplimenta l-Awtorita` fejn jidħlu postijiet riservati għal *kiosks* bdiet tiġi mħaddma iktar kmieni din is-sena. Illi t-Tribunal josserva illi anke jekk għall-grazzja tal-argument ir-rikorrent kien ottjena permess ta' *encroachment* qabel inbidlet id-direzzjoni tal-Awtorita` intimata, tali permess seta' jiġi revokat fi kwalunkwe ħin għal raġunijiet li seta' kellha l-Awtorita`, fosthom din id-direzzjoni l-ġdida. Illi kif inhu risaput permess ta' *encroachment* ma jagħti l-ebda drittijiet favur l-individwu li jkun ġie konċess lilu. Illi għalhekk ir-rikorrent qatt ma seta' kellu xi aspettativa leġittima li tali permess kien se jibqa' jingħatalu *ad eternum*. Iktar minn hekk, jirriżulta li nel frattemp, u preċiżament fl-2020, Infrastruttura Malta għamlet proġett fl-*area* in kwistjoni fejn propju fuq is-sit mitlub mir-rikorrent saru l-linji sofor, li jfisser li ħadd ma jista' jipparkja. Kwindi, ċertament, lanqas kieku trid l-Awtorita` intimata ma tista' tagħti tali permess meta konsapevoli bil-marki sofor li hemm fuq is-sit.

Madanakollu d-deċiżjoni mhix marbuta ma' dawn il-linji sofor iżda mal-fatt li l-Awtorita` ħadet deċiżjoni u qiegħda timxi magħha, li ma jingħatawx permessi lil *mobile hawkers* sabiex jitpoġġew *kiosks* fuq siti permanenti qabel ma jiġi mfassal pjan ħolistiku għaż-żona. Illi fil-fehma tat-Tribunal din hija deċiżjoni raġunata u kif anke spjega l-Kap Eżekuttiv huwa desiderabbli li allokazzjonijiet simili, wara li jkun hemm il-pjan imsemmi, jsiru b'mod kompetittiv sabiex il-proċess ikun wieħed iktar trasparenti u ġust.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-fatt li r-rikorrent għandu liċenzja maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ bħala *street hawker* ma jagħtieh l-ebda dritt li jitlob u jiġi konċess lilu dak mitlub. Ai termini tar-Regolament 29 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07:

*"2) Bejjiegħ fit-toroq jista' jiġġestixxi wkoll l-attività kummerċjali tiegħu minn post fiss billi jipparkja l-vettura tiegħu ,sabiex ibiegħ lill-kilijenti tiegħu bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:*

[2] Dokument D a fol. 14

*(a) li ma jkun hemm ebda ingombru jew inkonvenjent ikkaġunat lill-abitanti jew għal min ikun għaddej fit-triq, bl-użu ta' xi ġeneratur jew kull ħaġ'oħra;*

*(b) li jipparkja l-vettura tiegħu fi spazju permess għall-ipparkjar kif permess mir-regolamenti tat-traffiku;*

*(ċ) li l-post fejn jipparkja l-vettura tiegħu ma jkunx:*
*(i) tul distanza bil-mixi ta' inqas minn ħamsin (50) metru mill-eqreb suq fil-beraħ;*
*(ii) tul distanza bil-mixi ta' inqas minn ħamsin (50) metru mid-dħul ta' kull post kummerċjali:*

*Iżda għal dak l-għan, gabbana fissa għandha titqies bħala post kummerċjali;*

*(d) li ma jitqiegħed xejn fuq il-bankina;*

*(e) li bejjiegħa fit-triq għandhom jipparkaw il-vetturi tagħhom biex ibiegħu ta' lanqas ħamsin (50) metru 'l bogħod minn xulxin:*

*Iżda jekk il-Pulizija jew uffiċjal tal-komunità jissejjħu biex jiddeċiedu xi kwistjoni li tinqala' bejn bejjiegħa li jkunu viċin xulxin aktar minn ħamsin (50) metru 'l bogħod bil-mixi, il-Pulizija jew uffiċjal tal-komunità għandu jordna lill-bejjiegħ li jkun wasal l-aħħar biex iċaqlaq il-vettura tiegħu lejn spazju ta' parkeġġ alternattiv ta' lanqas ħamsin (50) metru 'l bogħod bil-mixi mill-bejjiegħ l-aktar viċin. Dik id-distanza bejn iż-żewġ bejjiegħa tista' titnaqqas kif ikun hemm biss f'regolamenti maħruġin mill-kunsill lokali bl-approvazzjoni tal-Ministru:*

*Iżda din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal bejjiegħa fit-toroq li jbiegħu fjuri u oġġetti bħal dawk qrib ta' xi ċimiterju;*

*(f) bejgħ minn imkien fiss fil-Belt Valletta huwa permess biss għall-bejgħ ta' ħaxix, ħobż, ħalib, fjuri, pitrolju u ċilindri tal-gass;*

*(g) huwa projbit l-użu u l-provdiment ta' utilitajiet pubbliċi lil bejjiegħa fit-triq li jbiegħu minn imkien fiss kif hawn f'dan ir-regolament, f'xi post pubbliku jew fuq art pubblika."*

Illi minn daqqa t'għajn lejn dan ir-Regolament m'hemm xejn, kif jallega r-rikorrent fir-rikors promutur, li ma huwiex in linja mad-direzzjoni li qiegħda timxi magħha l-Awtorita'. Ir-rikorrent, bil-liċenzja tal-kummerċ li għandu, għandu d-dritt jipparkja f'post maħsub għal parkeġġ ta' vettura. Dan l-Awtorita` intimata ma tidħolx fih għax hemm il-liġi stess li tirregolah. Pero` meta t-talba tmur oltre minn dak li tikkonċedi l-liġi nnifisha, l-Awtorita` ħasbet biex talbiet għal post fiss minn fejn jopera *kiosk* għandhom jiġu evalwati fil-qafas ta' pjan ħolistiku għall-*area* partikolari. Iktar minn hekk, it-Tribunal jinnota li fir-Regolamenti ċitati mir-rikorrent innifsu hemm espressament stipulat li l-użu u l-provvediment ta' utilitajiet pubbliċi,

bħal ma huma *meters* tad-dawl, huwa projbit. Kwindi kwalunkwe konċessjoni li saret lir-rikorrent saret bi ksur tal-imsemmija Regolamenti.

Illi fl-aħħarnett ir-rikorrent jisħaq illi bir-rifjut tagħha l-Awtorita` qed tilledi d-drittijiet tiegħu li jaċċedi għal quddiem Awtoritajiet oħra. Jisħaq ukoll li l-Awtorita` intimata tat interpetazzjoni fuq materja li tmur lil hinn mill-*vires* tagħha. Illi dan it-Tribunal assolutament ma jaqbilx ma' dan l-aggravju. Illi l-Awtorita` intimata, qua amministratur tal-art pubblika ta' Malta, għandha kull poter li tara hi dwar l-aħjar użu li jista' jsir mill-istess art. Huwa biss meta fil-fehma tal-istess Awtorita` ma jkun hemm l-ebda impediment da parti tagħha, li applikant jista' jkompli jmexxi l-proposta tiegħu quddiem entitajiet oħra. Dan il-*vires* joħroġ mil-liġi li tirregola lill-istess Awtorita`, u cioe` l-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta fejn f'artikolu 7 (2) (c) insibu li *"għandha tkun il-funzjoni tal-Awtorità:*

...

*(ċ) li tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika bħall-perimetru tal-kosta, ix-xtut, portijiet, mollijiet, puntuni, portbeaches, postijiet ta' nżul, irmiġġi, kanali, akwadotti, lagi, spieri naturali, irdum, widien, pjazez pubbliċi, toroq, sqaqien, korsiji, rotot ta' aċċess għall-postijiet pubbliċi oħra inkluż dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta, boskijiet, parki, żoni ta' importanza ekoloġika jew ambjentali u s-siti ta' importanza kulturali, soċjali, jew storiċi."*

Dan ifisser li l-Awtorita` intimata trid tevalwa sew kull talba li ssirilha u tuża dik id-diliġenza ta' *bonus paterfamilias* fid-deliberazzjonijiet li tagħmel qabel tasal għal deċiżjoni.

Illi wara li t-Tribunal ikkunsidra l-lanjanzi tar-rikorrent u evalwa l-mod u l-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-Awtorita` intimata, ma jsib xejn irraġonevoli jew inġust fil-mod kif l-Awtorita` intimata waslet għad-deċiżjoni appellata.

Illi fl-aħħarnett it-Tribunal josserva illi għalkemm il-Perit tar-rikorrent immarka s-sit ħażin fuq il-pjanta sottomessa mal-applikazzjoni, dan ma kellu l-ebda tip ta' preġudizzju fuq l-applikazzjoni stante li d-deċiżjoni meħuda ma hix marbuta mas-sit partikolari imma hija relatata ma direzzjoni oġġettiva fir-rigward ta' kwalunke talba għal post fiss biex fuqu jitpoġġa *kiosk*.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Spejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**